KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 3876

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 248 tat-18 ta' Ġunju 2024 mill-Onor. Ivan Castillo,MP.

___________________________

Eleanor Scerri
Skrivan tal-Kamra

22 ta' Mejju, 2024

Lill-On. Ivan Castillo, Membru Parlamentari

Signed by 76 persons.

Aħna residenti, villeġġanti u viżitaturi, hawn taħt imsemmija, flimkien mal-familji tagħna u f'isem persuni li jżuru l-lokalita` tagħna, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni tagħkom għal sitwazzjoni xejn pjaċevoli li aħna niltaqgħu magħha ta' kuljum meta jibda ż-żmien tal-għum.

Il-lokalita` hija taħt il-Belvedere San Pawl il-Baħar, li għadu kif ġie irrestawrat u li jinsab fi Triq San Franġisk, ħdejn it-Torri ta' Wignacourt. L-art hija kollha blat abjad u meta tibda tixxarrab issir tiżloq ħafna. Barra minn hekk m'hemm imkien li huwa lixx u l-aċċess għall-baħar minn mal-blat huwa perikoluż ħafna, prattikament impossibbli.

Dan il-post huwa popolari ħafna ma' nies ta' kull eta` għall-għum u bħala mezz ta' soċjalizazzjoni fil-ġranet sħan tas-Sajf. Iżda l-aċċess għall-baħar huwa ta' detriment għal kulħadd u ta' riskju serju li wieħed jista' jaqa', jiżloq u jweġġa' serjament. Dawn l-aħħar snin beda jitpoġġa sellum fit-tarf tal-blat illi, biex wieħed jilħqu, irid jgħaddi minn fuq il-blat li jixxarrab, irabbi l-ħaxix u jiġi jiżloq ħafna. Hemm poġġaman tal-metall ħdejn is-sellum, imma din mhix soluzzjoni vijabbli għaliex wieħed ma jistax iżomm il-bilanċ miegħu meta fejn ipoġġi saqajh ikun tant jiżloq.

Aħna nissuġġerixxu li jitpoġġew żewġt islielem fit-tarf tal-blat, li ikunu komdi u siguri għal kulħadd u ħdejhom titpoġġa pjattaforma jew passaġġ tal-injam li tkun 'il fuq mill-wiċċ tal-blat. Ħdejha

jitwaħħlu poġġamani li jibdew mis-slielem, tul il-pjattaforma/passaġġ tal-injam u jaslu sa fejn jibda l-blat niexef. Dan biex ma ssir l-ebda ħsara għall-ambjent tal-fawna tal-baħar u tal-madwar. Wara li jgħaddi l-istaġun tas-Sajf din titneħħa minn postha u flimkien mas-slielem, tintrefa' għal sen' oħra.

Ħafna huma dawk li jilmentaw għas-sitwazzjoni perikoluża li tinsab fiha din il-lokalita`. Kien hemm uħud li saħansitra ċemplu l-uffiċċju tal-Kunsill lokali biex jgħidulhom dwar din il-problema, iżda qatt ma sar xejn u aħna lkoll inħossu li kollox waqa' fuq widnejn torox.

Għaldaqstant qegħdin nibagħtu din l-ittra formalment bil-firem ta' xi uħud mill-ħafna li jiġu jgħumu hawnhekk, biex tagħtu widen għas-suġġerimenti tagħna, jew biex isir xi tip ta' djalogu magħna ħalli tinstab l-aħjar soluzzjoni għal kulħadd.

Nirringrazzjawkom bil-quddiem għal kull suġġeriment u għajnuna.

Jeanine Sciberras — Francis Sciberras

Et al.

Mehmużin : formoli tal-petizzjoni bil-firem

Ritratti tal-lokalita`





Firem Għall-Petizzjoni